*kkostitwixxew dan id-dritt ta' superfiċi, dawn ma jipprekludux li l-VAT fuq dawn is-servizzi ta' kostruzzjoni ssir dovuta mill-mument li fih id-dritt ta' superfiċi jiġi kkostitwit, jiġifieri qabel ma ssir din il-provvista ta' servizzi, peress li, fil-mument tal-kostituzzjoni ta' dan id-dritt, l-elementi rilevanti kollha ta' din il-provvista futura ta' servizzi jkunu diġà magħrufa u għalhekk, b'mod partikolari, is-servizzi inkwistjoni jkunu deskritti bi preċiżjoni, u l-valur ta' dan id-dritt ikun jista' jiġi espress fi flus, li huwa l-kompitu tal-qorti tar-rinviju li tivverifika.*

(2) *F'ċirkustanzi bħalma huma dawk tal-kawża prinċipali, fejn it-tranżazzjoni ma ssirx bejn partijiet b'rabtiet fis-sens tal-Artikolu 80 tad-Direttiva 2006/112, li madankollu huwa l-kompitu tal-qorti tar-rinviju li tivverifika, l-Artikoli 73 u 80 ta' din id-direttiva għandhom jiġu interpretati fis-sens li dawn jipprekludu dispożizzjoni nazzjonali, bħalma hija dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li permezz tagħha, meta l-korrispettiv ta' tranżazzjoni huwa kompletament ikkostitwit minn beni jew minn servizzi, il-valur taxxabbli tat-tranżazzjoni jkun il-valur fis-suq miftuħ tal-beni jew tas-servizzi pprovduti.*

(3) *L-Artikoli 63, 65 u 73 tad-Direttiva 2006/112 għandhom effett dirett.*

(1) ĠU C 13, 14.01.2012.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tad-19 ta' Diċembru 2012 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal Administrativo e Fiscal do Porto — il-Portugall) — Grande Área Metropolitana do Porto (GAMP) vs Comissão Directiva do Programa Operacional Potencial Humano, Ministério do Ambiente e do Ordenamento do Território, Ministério do Trabalho e da Solidariedade Social**

**(Kawża C-579/11)** [1]

***(Fondi strutturali — Regolament (KE) Nru 1083/2006 — Eliġibbiltà ġeografika — Implementazzjoni ta' investiment kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea minn lokalità li tinstab barra mir-reġjuni eliġibbli u minn operatur stabbilit f'lokalità bħal din)***

(2013/C 46/19)

*Lingwa tal-kawża: il-Portugiż*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal Administrativo e Fiscal do Porto

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Grande Área Metropolitana do Porto (GAMP)

*Konvenuti*: Comissão Directiva do Programa Operacional Potencial Humano, Ministério do Ambiente e do Ordenamento do Território, Ministério do Trabalho e da Solidariedade Social

*Fil-preżenza ta'*: Instituto Nacional de Administração, Sindicato dos Quadros Técnicos do Estado, Instituto Superior de Ciências, do Trabalho e da Empresa, Instituto do Desporto de Portugal

**Suġġett**

Talba għal deċiżjoni preliminari — Tribunal Administrativo e Fiscal do Porto — Interpretazzjoni tal-Artikoli 174, 175 u 176 TFUE, tal-Artikoli 5 sa 8, 22, 32, 34, 35 u 56 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006, tal-11 ta' Lulju 2006, li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, p. 25) u tar-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Mejju 2003, dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 14, Vol. 1, p. 196) — Interventi strutturali — Finanzjament mill-Unjoni — Programmi operazzjonali — Eliġibbiltà tal-ispejjeż — Klassifikazzjoni komuni ta' Unitajiet Territorjali għall-Istatistika (NUTS)

**Dispożittiv**

*Id-dispożizzjonijiet tad-dritt primarju tal-Unjoni li jirrigwardaw il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, kif ukoll ir-Regolament tal-Kunsill Nru 1083/2006, tal-11 ta' Lulju 2006, li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999, għandhom jiġu interpretati fis-sens li huma ma jipprekludux li investiment kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea jkun implementat minn lokalità li tinstab barra mir-reġjuni eliġibbli u minn operatur stabbilit f'lokalità bħal din, bil-kundizzjoni li dan l-investiment ikun, b'mod immirat u identifikabbli, dirett lejn ir-reġjuni eliġibbli.*

(1) ĠU C 32, 04.02.2012

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Krajský súd v Prešove (Ir-Repubblika Slovakka) fil-15 ta' Ottubru 2012 — SKP vs Ján Bríla**

**(Kawża C-460/12)**

(2013/C 46/20)

*Lingwa tal-kawża: is-Slovakk*

**Qorti tar-rinviju**

Krajský súd v Prešove